# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 31 T'OTTUBRU, 2000.

**Kawza Nru. 1.**
**Citazz. Nru. 1338/00 JRM.**

**H.S.B.C. Bank (Malta) p.l.c.**

**vs**

**Paul GAUCI u martu Doris Gauci.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi l-konvenut Paul Gauci, bhala debitur principali huwa vera cert u likwidu debitur a favur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' erbat elef tlett mija wiehed u hamsin lira wiehed u

tletin centezmu (Lm4,351.31) oltre l-interessi bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekorribbli mit-23 ta' Gunju tas-sena 2000 dovuti minhabba *encroachment* fuq kont kurrenti u dana skond l-anness '*statement of account*' immarkat Dok A;

Illi l-konvenut l-ohra Doris Gauci kienet ikkostitwiet ruhha garanti solidli mal-konvenut zewgha a favur tas-socjeta' attrici sal-ammont ta' hamest elef lira (Lm5,000) in forza ta' *guarantee form* datata 4 ta' Frar 1998 li tinsab hawn annessa markata bhala Dok B;

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikoli 167-170 Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba ghal hlas tal-istess dejn, u s-socjeta' attrici qeghda tannetti ma' dan l-att affidavit skond l-artikoli imsemmija, Dok C;

Illi l-konvenuti kienu gew interpellati inutilment biex ihallsu dan id-dejn inkluz permezz ta' ittra legali datata 5 ta' Ottubru 1999 u ittri ufficjali datati 25 ta' Jannar 2000;

Ghalhekk is-socjeta' attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

(1). Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikoli 167-170 Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Tiddikjara illi l-konvenut Paul Gauci bhala debitur principali huwa vera, cert u likwidu debitur fis-somma ta' Lm4,351.31 u l-konvenuta l-ohra Doris Gauci bhala garanti solidli bhala vera, cert u likwida debitrici ghall-ammont fuq rikjest a favur tas-socjeta' attrici dovuta minhabba encroachment fuq kont kurrenti kif fuq premess oltre l-interessi bit-8% per annum dekorribili mit-23 ta' Gunju, 2000;

(3) Tikkundanna lill-konvenut Paul Gauci bhala debitur principali ihallas is-somma ta' Lm4351.31 u lill-konvenuta l-ohra Doris Gauci bhala garanti solidali thallsu l-imsemmi ammont ta; Lm4351.31 dovuti minhabba *encroachment* fuq kont kurrenti kif fuq premess oltre l-interessi bit-8% fis-sena mit-23 ta' Gunju 2000 sad-data tal-eventwali pagament effettiv ghas-saldu;

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi dekorribili mit-23 ta' Gunju 2000 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti millum ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitment notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba b'elf lira maltin (Lm1000) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billli mill-provi mhux kontradetti, t-talba ridotta tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament ghas-somma ta' tlett elef tlett mija u wiehed u hamsin lira maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm3351.31) u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

*31 t'Ottubru, 2000.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**31, t'Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**31, t'Ottubru, 2000.**